

Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008

## Lejn Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi tal-Enerġija

P6\_TA(2008)0306

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi tal-Enerġija (2008/2006(INI))

(2009/C 286 E/06)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (COM(2007)0528),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (COM(2007)0529),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2007 dwar Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa (6271/2007),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" (COM(2007)0001),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Inkjesta skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 fis-setturi Ewropej tal-gass u tal-elettriku" (COM(2006)0851),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-prospetti għas-suq intern fil-gass u fl-elettriku (SEC(2006)1709), dokument ta' appoġġ għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2006)0841),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni bit-titolu "Id-data tal-politika tal-enerġija tal-UE" (SEC(2007)0012),
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE tas-26 ta' April 2004 dwar miżuri sabiex tiġi assigurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tar-Regolaturi Ewropej tal-Enerġija għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2006 u l-31 ta' Diċembru 2006 lill-membri kollha tal-Kunsill tar-Regolaturi Ewropej tal-Enerġija u l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għall-Elettriku u l-Gass, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, magħmul skond l-Artikolu 3(8) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/796/KE tal-11 ta' Novembru 2003 sabiex jiġi stabbilit il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għall-Elettriku u għall-Gass <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8-9 ta' Marzu 2007, dwar l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew ta' "Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill Ewropew (2007-2009) — Politika tal-Enerġija għall-Ewropa" (7224/2007),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn l-adozzjoni ta' Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi tal-Enerġija" (COM(2007)0386),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0202/2008),

<sup>(1)</sup> ĠU L 127, 29.4.2004, p. 92.

<sup>(2)</sup> ĠU L 296, 14.11.2003, p. 34.

Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008

- A. billi l-prinċipji tal-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet ugwali għal kulħadd u aċċess ġust għal tagħrif fl-era diġitali jfissru li huwa essenzjali għal kull ċittadin tal-Unjoni li jkollu aċċess għall-enerġija bi prezz raġonevoli,
- B. billi l-konsumaturi — b'mod speċjali individwi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) — għandhom għodod u opportunitajiet limitati għad-dispożizzjoni tagħhom biex jirrappreżentaw l-interessi tagħhom b'mod effettiv,
- C. billi l-ġoti adegwat ta' enerġija jikkostitwixxi wieħed mill-elementi ewlenin sabiex tinkiseb il-parteċi-pazzjoni b'suċċess taċ-ċittadini fil-ħajja soċjali u ekonomika,
- D. billi l-Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi tal-Enerġija (il-Karta) tikkostitwixxi appell u stimolu għall-gvernijiet, għar-regolaturi tal-enerġija u għall-industrija, rappreżentati mill-imsieħba soċjali kollha, sabiex jikkontribwixxu b'mod konkret biex jassiguraw li l-interessi tal-konsumaturi tal-enerġija jkunu qegħdin jiġu kkunsidrati f'suq tal-enerġija tal-UE li huwa soċjali, ambjentali u kompetittiv,
- E. billi fi swieq b'kompetizzjoni mhux perfetta, bħas-settur tal-enerġija, l-mekkaniżmi tas-suq biss mhux dejjem jassiguraw l-aħjar interessi tal-konsumatur, protezzjoni ġenerali tal-konsumatur, minbarra obbligi għas-servizz pubbliku għall-enerġija speċifiċi għas-suq, iridu jkunu indirizzati u infurzati,
- F. billi d-data disponibbli tissuġġerixxi li l-Istati Membri għamlu biss użu limitat mill-obbligi tas-servizzi pubbliċi mmirati sabiex jindirizzaw il-bżonnijiet ta' konsumaturi vulnerabbli,
- G. billi għandu jkun hemm enfasi kbir fuq l-irwol mogħti lill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali (NRAs), li għandhom ikunu indipendenti minn kwalunkwe interess pubbliku jew privat u jkollhom il-kompetenza sabiex jimmonitorjaw is-swieq tal-enerġija, inklużi l-prezzijiet u l-komponenti kollha tagħhom, u sabiex jintervjenu u jagħtu sanzjonijiet jekk dawn ikunu neċessarji,
- H. billi r-riżoluzzjoni ta' tilwim tal-konsumatur fil-qasam tal-enerġija mhix koperta biżżejjed bil-leġiżlazzjoni, u billi r-riżoluzzjoni ta' tilwim bħal dan hija indirizzata b'numru ta' awtoritajiet differenti, u konsumaturi li ma jafux lil min iridu jikkuntattjaw,
- I. billi l-miri tal-UE rigward enerġija li tiġġedded għandhom ikunu integrati fil-Karta Ewropea għad-Drittijiet tal-Konsumaturi tal-Enerġija biex il-konsumaturi jkunu permessi li jagħżlu sorsi ta' enerġija li huma koerenti ma' dawn il-miri,

### **Il-Karatteristiċi tal-Karta**

1. Jenfasizza l-fatt li l-provvista tal-enerġija hija element ewlieni għal suċċess fil-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja soċjali u ekonomika;
2. Ifakkar li, għalkemm id-drittijiet tal-konsumaturi diġà huma mħarsa mil-leġiżlazzjoni Komunitarja fis-seħħ, huma ħafna d-drabi li ma jkunux irrispettati; jenfasizza li t-tisħiħ tal-miżuri għall-ħarsien tal-konsumatur jistgħu jinkisbu l-aktar b'implimentazzjoni aktar effettiva tal-leġiżlazzjoni;
3. Jinnota li l-adozzjoni tal-pakkett ta' proposti rigward is-swieq tal-elettriku u tal-gass naturali (il-proposti tat-'Tielet pakkett') li l-Parlament qiegħed jiddibatti bħalissa se jsaħħaħ ulterjorment il-qafas legali għall-ħarsien tal-konsumaturi tal-enerġija;
4. Iqis li l-ħarsien futur tal-konsumaturi tal-enerġija għandu jkompli jkun ibbażat fuq azzjoni konġunta mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, filwaqt li l-prattiki għall-ħarsien individwali tal-konsumatur fis-suq tal-enerġija jista' jkollhom effetti differenti fid-diversi Stati Membri. Applikazzjoni konsistenti tal-prinċipju ta' sussidjarjetà huwa għalhekk essenzjali;

**Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008**

5. Jenfasizza l-ħtieġa assoluta li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur dwar kwistjonijiet ta' enerġija u biex il-Karta tintuża bħala għodda li tigwida għal awtoritajiet Ewropej u nazzjonali, kif ukoll entitajiet privati, sabiex id-drittijiet tal-konsumaturi jiġu assigurati u infurzati b'mod effettiv;
6. Jinnota l-Artikolu 3 ta', u l-Anness A mad-Direttivi 2003/54/KE <sup>(1)</sup> u 2003/55/KE <sup>(2)</sup> dwar is-suq intern fl-elettriku u fil-gass naturali, kif emendat mill-proposti tat-"Tielet Pakket" jenfasizza l-ħtieġa għal infurzar aħjar fil-livell nazzjonali;
7. Iqis il-Karta bħala dokumenttal-informazzjoni, li tiġbor, tikkjarifika u tikkonsolida d-drittijiet għall-enerġija tal-konsumaturi kif diġà adottati fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE; jilqa' b'sodisfazzjon għalhekk il-pjan tal-Kummissjoni li joħloq għodda fuq l-internet dwar id-drittijiet tal-konsumaturi għall-enerġija, iżda jenfasizza l-ħtieġa għal strateġija ta' komunikazzjoni aktar wiesgħa għall-konsumaturi li m'għandhomx aċċess għall-internet jew li għalihom l-internet huma mezz ta' komunikazzjoni mhux xieraq;
8. Jinnota li l-Karta trid tilħaq ukoll il-ħtiġijiet ta' utenti professjonali zġhar, li spiss jiffaċċjaw l-istess problemi bħala konsumaturi ordinarji tal-enerġija;

***Aċċess għat-Trasmissjoni u d-Distribuzzjoni tal-Grids u l-Provvista***

9. Ifakkar li s-suq Ewropew tal-enerġija jkompli jkun ikkaratterizzat minn għadd kbir ta' monopolji. Dan inaqqas il-libertà tal-għażla u l-possibilità ta' bdil tal-fornitur malajr u bla ħlas, iżid in-nuqqas ta' tagħrif u, bħala riżultat, iżid il-vulnerabilità tal-konsumaturi. Huwa importanti li jiġi żgurat li jsiru sforzi biex jinħoloq suq uniku u kompetittiv tal-enerġija u biex, b'mod partikulari, jitħarsu l-klijenti vulnerabbli;
10. Jenfasizza li l-konsumaturi Ewropej tal-elettriku u tal-gass għandhom id-dritt li jgawdu d-dritt li jkunu mqabbdin man-networks u li jiġu furnuti b'elettriku u gass b'tariffi u prezzijiet raġonevoli, trasparenti, mhux diskriminatorji u faċilment komparabbli, inklużi prezzijiet u tariffi aġġustati li jirriżultaw mill-mekkaniżmi ta' indiċjar rispettivi tagħhom; in-nuqqas ta' diskriminazzjoni għandu jinkludi projbizzjoni fuq miżati diskriminatorji fuq ċerti metodi ta' pagament, b'mod partikulari għal dawk il-konsumaturi, spiss vulnerabbli, li jħallsu permezz ta' miter ta' qabel il-pagament;
11. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tal-konsumatur u għandhom jittieħdu miżuri ta' protezzjoni sabiex tiġi evitata kwalunkwe qtugħ ta' konnessjoni minn mal-grid; l-Istati Membri għandhom jaħtru fornitur tal-aħħar għażla u għandhom jinfurmaw lill-konsumaturi b'dan; mekkaniżmu bħal dan għandu jiġi stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali;
12. Jenfasizza li n-nuqqas ta' konnessjoni min-network għandu jitqies biss bħala l-aħħar possibilità ta' soluzzjoni f'każi ta' arretrati ta' pagamenti min-naħa ta' konsumaturi, b'mod speċjali fir-rigward ta' konsumaturi vulnerabbli u perjodi ta' vaganzi; il-fornituri għandhom japplikaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif ukoll jinnotifikaw lill-konsumatur individwalment, qabel ma jipproċedu b'azzjoni bħal din;
13. Jenfasizza l-ħtieġa li tkun żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet universali, b'mod speċjali fir-rigward tal-aċċess għal enerġija għal gruppi soċjali, ekonomiċi u reġionali differenti permezz ta' stabbiltà u sigurtà tal-provvista, kif ukoll l-effettività ta' networks, bil-promozzjoni ta' koperazzjoni fil-livell reġionali bejn l-Istati Membri u pajjiżi ġirien b'perspettiva Ewropea;
14. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jassiguraw li l-konsumatur ikun jista' jibdel għal fornitur għdid b'mod faċli u f'perjodu ta' żmien li ma jkunx itwal minn xahar, mingħajr ħlas;

<sup>(1)</sup> Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriċità (ĠU L 176, 15.7.2003, p.37).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (ĠU L 176, 15.7.2003, p.57).

**Tariffi, Prezzijiet**

15. Jenfasizza li l-prezzijiet Ewropej tal-elettriku u tal-gass għandhom ikunu raġjonevoli, faċilment komparabbli, u trasparenti kif ukoll ibbażati fuq il-konsum reali tal-enerġija; prezzijiet ippubblikati, tariffi, mekkaniżmi ta' indiqjar u kundizzjonijiet għandhom ikunu aċċessibbli faċilment għall-konsumatur permezz ta' sett ta' għodda komprensiv u li jinftiehem faċilment; minbarra dan, huma għandhom ikunu komunikati minn qabel lil u mmonitorjati jew approvati mir-regolatur nazzjonali indipendenti;

16. Jenfasizza li hija użanza ta' obbligu kuntrattwali ta' fornituri li jwettqu kalkolu, fuq bażi regolari u f'dati determinati minn qabel, biex jiżguraw li l-konsumaturi jħallsu skond il-kwantità attwali ta' enerġija li huma użaw; jekk il-fornituri ma jkunux jistgħu jikkonformaw ma' obbligu bħal dan, pereżempju, għal raġunijiet tekniċi, il-konsum tal-enerġija għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi ta' kriterji raġjonevoli u trasparenti, li huma stipulati b'mod ċar fil-kuntratt;

17. Jenfasizza f'dan ir-rigward l-iżvilupp ta' protagonisti tas-suq li jispeċjalizzaw fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni li titqabbel rigward prezzijiet tal-fornituri, tariffi u kundizzjonijiet, kif ukoll provvedimenti ta' appoġġ fis-sostituzzjoni ta' fornituri;

18. Jistieden lill-Istati Membri biex jipromwovu miters intelliġenti, li jipprovdu lill-konsumaturi b'perspettiva ċara dwar il-konsum reali tal-enerġija u għalhekk jikkontribwixxu għal effiċjenza tal-enerġija aħjar; ifakkar fil-ħtiġijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-effiċjenza tal-użu finali tal-enerġija u s-servizzi <sup>(1)</sup> tal-enerġija rigward il-provvista ta' miters intelliġenti; jistieden b'urġenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw u jinfurzwaw ir-rekwiżiti dwar il-metraġġ u l-ħruġ ta' kontijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva, fl-interess tal-informazzjoni lill-konsumatur u l-enerġija;

19. Iqis li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-installazzjoni ta' miters intelliġenti ssir bl-inqas tfixkil lill-konsumatur fi żmien għaxar snin mid-dħul fis-seħħ tal-proposti tat-Tielet Pakkett (Direttivi ta' Emenda 2003/54/KE u 2003/55/KE) u għandha tkun responsabilità tal-kumpaniji tad-distribuzzjoni u tal-forniment tal-enerġija. L-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali (NRAs) għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-proċess ta' dan l-iżvilupp u sabiex jistabbilixxu standards komuni għal dan l-għan. L-Istati Membri għandhom ikunu mitluba li jiżguraw li l-istandards, li jistabbilixxu disinn tekniku u rekwiżiti operazzjonali minimi għall-miters, għandhom jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-interoperabilità sabiex jiprovdu benefiċċju massimu bl-inqas spiża għall-konsumatur;

**Informazzjoni / kuntratti**

20. Biex tiġi ssalvagwardjata t-trasparenza, jenfasizza l-bżonn li jiġi żviluppat mudell għal fatturi standard fuq il-bażi tal-aqwa Prattika; sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jitqabblu; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata informazzjoni standard kuntrattwali minn qabel u kuntrattwali, inkluża informazzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur skond il-Karta;

21. Jitlob lill-Istati Membri sabiex idaħħlu fis-seħħ punt ta' dħul fiżiku wieħed għal kwalunkwe talba għal informazzjoni mill-konsumaturi, pereżempju permezz ta' regolaturi nazzjonali tal-enerġija, u b'hekk jiffaċilitaw l-aċċess għal konsumatur għal informazzjoni u fl-istess waqt jiżguraw li tkun disponibbli informazzjoni qrib tal-konsumaturi kemm jista' jkun f'termini ta' post, żmien, għodod u dettall;

22. Jenfasizza l-ħtieġa għall-Kummissjoni biex tiżviluppa, b'koperazzjoni mal-NRAs, kriterji ta' kwalità biex ikunu applikati għal servizzi relatati mal-konsumatur, inklużi "call centres";

23. Huwa tal-opinjoni li s-simulatur tat-tariffi għandu jkun disponibbli fuq il-websites tal-fornituri u tar-regolatur nazzjonali indipendenti; jenfasizza li l-konsumaturi għandhom, fuq bażi regolari jiġu infurmati dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li l-fornituri jkun obbligati li jinfurmaw lill-konsumaturi bil-promulgazzjoni tal-Karta;

(<sup>1</sup>) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.

**Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008****Miżuri soċjali**

25. Jikkundanna l-fatt li konsumaturi vulnerabbli tal-enerġija għandhom problemi serji li għandhom jiġu indirizzati b'mod espliċitu fis-sistemi ta' sigurtà soċjali nazzjonali jew miżuri oħra ekwivalenti;
26. Jistieden lill-Istati Membri biex jinvestu b'halha prijorità f'miżuri komprensivi għall-effiċjenza fl-enerġija għall-familji bi dħul baxx, u b'hekk jindirizzaw b'mod strateġiku, kemm il-problema tal-faqar fir-rigward tal-fjuwil kif ukoll il-mira ta' "20 % sa l-2020" fl-effiċjenza tal-enerġija adottata fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa tal-2007.
27. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprowdi gwida għal definizzjoni komuni tal-obbligi ta' servizz pubbliku u biex tissorvelja l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-obbligi kif stabbiliti fl-Artikolu 3 u fl-Anness A tad-Direttivi 2003/54/KE u 2003/55/KE;
28. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi d-definizzjoni ta' faqar enerġetiku;
29. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Enerġija li jindirizzaw il-faqar fl-aċċess għall-enerġija u sabiex jikkomunikaw dawn il-miżuri lill-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija; jistieden lill-Aġenzija sabiex timmonitorja, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, dawn il-miżuri u sabiex tikkomunika l-miżuri ta' suċċess; jenfasizza li għandha ssir valutazzjoni li teżamina kif is-sistemi individwali ta' sigurtà soċjali nazzjonali u s-sistemi ta' tassazzjoni jikkunsidraw ir-riskji assoċjati mal-faqar tal-enerġija;

**Miżuri ambjentali**

30. Jenfasizza li l-fornituri u l-operaturi tan-network għandhom jipproċedu b'mod responsabbli għall-ambjent, u jwettqu kull sforz possibbli biex iżommu t-tniġġis tas-CO<sub>2</sub> kif ukoll il-produzzjoni tal-iskart radjuattiv, fl-aktar livelli baxxi possibbli previsti fil-liġi applikabbli;
31. Iqis li għandha tingħata prijorità għal sorsi ta' enerġija li tiġġedded, sħana u enerġija magħquda flimkien u ġenerazzjoni magħquda oħra, u li d-dritt tal-konsumaturi biex iwettqu għażla infurmata favur enerġiji li jiġġeddu għandu jkun rikonoxxut fil-Karta; għalhekk iqis li l-konsumaturi kollha għandhom ikunu infurmati b'mod oġġettiv, trasparenti u mhux diskriminatorju dwar is-sorsi ta' enerġija disponibbli lilhom;
32. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2003/54/KE jiġi implimentat fil-prattika, skond liema l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jirċievu informazzjoni ta' min jorbot fuqha dwar it-taħlita tal-enerġija tal-fornitur u l-impatt ambjentali tal-elettriku prodott mit-taħlita tal-enerġija tal-fornitur;

**L-Awtoritajiet Regulatorji Nazzjonali**

33. Jenfasizza l-eżistenza tal-NRAs fl-Istati Membri iżda jikkundanna s-setgħat limitati tagħhom illum; huwa tal-opinjoni li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-NRAs ikollhom setgħat u riżorsi statutorji suffiċjenti, u li huma lesti jużawhom;
34. Jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li r-regolaturi nazzjonali għandu jkollhom irwol ċentrali fil-ħarsien tal-konsumatur; jemma, għal din ir-raġuni, li l-proposti mmirati lejn it-tisħiħ tas-setgħat u l-indipendenza tar-regolaturi, fosthom id-dritt li jiġu imposti sanzjonijiet fuq il-fornituri li ma jikkonformawx mal-liġi Komunitarja rigward din il-kwistjoni, għandhom ikunu appoġġati;
35. Huwa tal-opinjoni li l-NRAs għandhom ikunu indipendenti minn kwalunkwe interess pubbliku jew privat u jkollhom mill-anqas il-kompetenza:
- li japprovaw il-prinċipji li jiddeterminaw it-tariffi tan-network jew it-tariffi attwali tal-grids u eventwalment il-mekkaniżmi ta' indiċjar tagħhom,
  - li jimmonitorjaw il-prezzijiet u l-komponenti kollha tagħhom, inklużi l-mekkaniżmi ta' indiċjar tagħhom,

**Il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008**

- li jimmonitorjaw, jikkontrollaw u jinfurzaw l-informazzjoni dwar il-konsumatur ipprovduta mill-fornituri għal mill-inqas l-ewwel ħames snin wara li s-suq ikun liberalizzat b'mod sħiħ u sa dan iż-żmien kif intwera li l-fornituri jkollhom u se jkomplu jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni rilevanti, trasparenti u imparzjali,
- jipproteġu lill-konsumaturi kontra prattiki kummerċjali inġusti u, f'dan ir-rigward, jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni kompetenti;

36. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-NRAs għandhom is-setgħat neċessarji sabiex jimmonitorjaw l-offerti fuq l-elettriku u l-gass li huma disponibbli fuq is-suq. Għalhekk, huma jkollhom aċċess għall-elementi deċiżivi kollha li jiddeterminaw il-prezzijiet, inklużi mill-inqas, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti tal-gass u tal-elettriku u l-formoli tal-indiċi;

37. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kompetenzi tal-NRAs jiġu inkorporati fl-Artikolu 22c propost tad-Direttiva 2003/54/KE u l-Artikolu 24c propost tad-Direttiva 2003/55/KE;

38. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ Ewropew integrat tal-attivitajiet tal-NRAs li huma koordinati mill-Aġenzija Ewropea;

**Ilmenti**

39. Jistieden lill-Istati Membri sabiex idaħħlu fis-seħħ, kemm jista' jkun qrib il-konsumaturi, punt ta' dħul komuni għal kull tip ta' lment tal-konsumaturi u biex jinkoraġġixxu r-riżoluzzjoni ta' ilmenti bħal dawn permezz ta' metodi alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwima;

40. Jenfasizza li l-konsumaturi kollha għandu jkollhom id-dritt għal provvista ta' servizz, indirizzar ta' lment u riżoluzzjoni ta' tilwima alternattiva mill-fornitur tas-servizz tagħhom tal-enerġija bi qbil ma' standards internazzjonali inklużi ISO 10001, ISO 10002 u ISO 10003 u aktar standards ISO żviluppatti f'dan il-qasam;

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-ombudsmen jingħataw is-setgħa li jitrattaw b'mod effettiv l-ilmenti kif ukoll li jiprovdu informazzjoni dwar kwistjonijiet tal-enerġija lill-konsumaturi;

**L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi**

42. Jirrikonoxxi l-irwol importanti tal-organizzazzjoni tal-konsumaturi sabiex din tassicura li jsir kollox biex jinkiseb livell għoli ta' drittijiet għall-konsumaturi tal-enerġija madwar l-UE; l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur ikollhom riżorsi suffiċjenti biex jindirizzaw servizzi essenzjali, inklużi l-gass u l-elettriku;

43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-iżvilupp sostenibbli ta' servizzi tal-enerġija; jenfasizza l-irwol importanti ta' organizzazzjonijiet tal-konsumatur u tal-NRAs fil-promozzjoni ta' konsum sostenibbli billi tingħid l-attenzjoni kemm tal-konsumaturi u tal-kumpaniji għal, b'mod partikulari, it-taħlita tal-enerġija, il-bidla fil-klima u l-influwenza tal-konsumaturi fuq l-iżvilupp tas-settur;

44. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jiprovdu appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur biex huma jkunu jstgħu jħarrġu l-istaff tagħhom u b'hekk ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jiprovdu assistenza fil-proċess leġiżlattiv, meta jinfurmaw u jedukaw lill-konsumaturi u fir-riżoluzzjoni ta' tilwim tal-konsumatur;

\*

\*           \*

45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.